*STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA*

**Lombard Bank Malta p.l.c. – 2008 Laqgħa Annwali Ġenerali**

Il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-Lombard Bank Malta p.l.c. saret ġewwa l-Kamra tal-Kummerċ, Triq ir-Repubblika, Valletta nhar il-Ħamis, 24 ta' April 2008. L-Aġenda għal din il-Laqgħa kienet tinkludi l-approvazzjoni tar-Rendikont Annwali tal-Bank għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007. Il-Bank ħabbar lill-azzjonisti tiegħu rekord ieħor ta' qligħ, qabel il-ħlas tat-taxxa, ta' Lm4.566 miljuni (€10.636 miljuni) għall-Grupp, li jirrappreżenta żieda ta' 18% fuq is-sena ta' qabel.

Fid-dikjarazzjoni fuq l-operat, iċ-*Chairman* ħabbar li l-*Operating Income* għall-Grupp żdied b'34.1%, filwaqt li in-*Net Interest Margin* baqa' sod b'figura ta' 52.8%. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll lejn is-saħħa ta' l-assi totali tal-Bank li kontinwament qegħdin irendu qligħ rekord kull sena. Il-qligħ għal kull sehem żdied b'19.7% u laħaq il-livell ta' 35.3 ċenteżmi ta' Lira Maltija (€0.822) għal kull sehem għas-sena finanzjarja 2007. Avveniment importanti ieħor għall-Lombard Bank, li seħħ f'Ottubru 2007, kien dak tax-xiri ta' l-ishma tal-Bank minn Marfin Popular Bank ta' Ċipru mingħand BSI SA u xi azzjonisti barranin oħra, li jammontaw għal kważi 43% ta' l-ishma totali tal-Bank. Din it-tranżazzjoni ġiet konkluża fi Frar 2008 wara li ġiet approvata mir-Regolatur. Il-Bank qies dan bħala pass importanti ħafna għaliex l-allejanza ma' Marfin ser tkun ta' benefiċċju għal kull min għandu interess fil-Bank. Marfin għandu preżenza fi tlettax-il pajjiż b'*network* ta' 415 uffiċċju u aktar minn 8,000 impjegat.

Iċ-*Chairman* informa wkoll lill-azzjonisti li l-Bank żied l-investiment tiegħu f'MaltaPost p.l.c. minn 35% għal 60%. Dan l-investiment strateġiku huwa tajjeb kemm għall-MaltaPost kif ukoll għall-Bank.

Waqt il-Laqgħa, l-azzjonisti approvaw ukoll ir-rakkomandazzjoni tad-Diretturi biex jiġi dikjarat Dividend Gross Finali ta' €0.40 kull sehem, li jirrappreżenta pagament Gross Finali lill-azzjonisti ta' €3,451,491 (net €2,243,469), fi flus jew bi ħruġ ta' ishma ġodda. Il-prezz li għandu jiġi attribwit għal skopijiet ta' ishma ġodda kien diġa' ġie mħabbar li huwa ta' €12.60.

Il-Laqgħa approvat ukoll ir-*Renominalisation* tal-Kapital tal-Bank kif ukoll *Share Split* fuq bażi ta' 4 għal kull 1. Reżoluzzjonijiet oħra li ġew approvati mill-azzjonisti kienu jirrigwardaw il-ħatra mill-ġdid ta' KPMG bħala l-awdituri tal-Bank kif ukoll ġie stabbilit l-ogħla total ta' remunerazjoni annwali lid-Diretturi.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Bank huwa magħmul mis-Sinjuri C. Lemmerich (*Chairman*), J.M. Demajo, G.A. Fairclough, J. Said, D. Spanodimos, C.J. Stylianides u M. Zammit.

24 ta' April 2008